L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iġġib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti bħala lsien nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja.

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**KONFERENZA OLIVER FRIGGIERI**

Nhar is-Sibt, 5 ta' Marzu 2022, l-Istitut Karmelitan flimkien mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università u l-Akkademja tal-Malti organizzaw l-ewwel Konferenza f'ġieħ Oliver Friggieri.

F'din il-konferenza, bit-tema "Aħna ġejna mill-Ġenna" taw sehemhom seba' kelliema li ħarsu mill-qrib lejn l-ispiritwalità fil-kitbiet tal-Prof. Friggieri u f'ħajtu.

Rev. Dr Glen Attard O. Carm u Dr George Farrugia, il-President tal-Akkademja, fetħu l-ewwel sessjoni tal-konferenza li fiha ġew diskussi dawn it-temi: "Fraġilità, Dissens u Ikonizzazzjoni Nazzjonali (Prof. Adrian Grima), "Alla huwa kontra Alla? – L-ispiritwalità f'*L-Istramb*" (Romario Sciberras), "Il-Jien fil-Ħolqien: L-Ispiritwalità Ekoloġika fil-Poeżiji ta' Oliver Friggieri" (Beverly Agius), "L-Ispiritwalità ta' Karlu Manju f'*Il-Parlament ma Jikbrux Fjuri*" (Dr David Aloisio).

Għat-tieni sessjoni mmoderat Justine Somerville. F'din is-sessjoniġew diskussi tliet temi oħra: "Hi torri li għandu sisien fondi ħafna": Il-Parabbola tat-Tradizzjoni f'*La Jibbnazza Niġi Lura* (Rev. Dr Charlò Camilleri O. Carm), "Il-Paradoss tal-Kurċifiss" (Rev. Dr Jonathan Farrugia) u "'Il Barra fil-Fond: Alla, l-Imħabba u l-Mewt fl-Eżistenzjaliżmu ta' Oliver Friggieri" (Robert Farrugia).

Il-konferenza saret fil-Kunvent tal-Karmelitani fl-Imdina u attendew għaliha numru sabiħ ta' persuni, fosthom Sara Brincat Friggieri, bint Oliver Friggieri. Din l-attività kienet aċċessibbli wkoll fuq il-pjattaforma Zoom kif ukoll mill-paġna tal-Akkademja fuq Facebook u ġiet segwita minn għadd sabiħ ta' persuni.



12.App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant' Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademja.org

fb.com/akkademjatalmalti

www.akkademjatalmalti.org

Hemm il-ħsieb li l-atti ta' din il-konferenza jiġu stampati fi ktieb aktar 'il quddiem u li konferenzi oħra b'temi differenti marbuta mal-kitbiet ta' Oliver Friggieri jiġu organizzati matul is-snin li ġejjin.

09.03.2022

Sergio Grech

Doris Zammit

Uffiċjali għar-Relazzjonijiet Pubbliċi



12.App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant' Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademja.org

fb.com/akkademjatalmalti

www.akkademjatalmalti.org